MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Numru. 9/2008

**Il- Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**
**(Spettur Carmelo Abdilla)**

**-vs-**

***Omisis***
***Omisis***
***Omisis***
***Omisis***
***Omisis***

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija:

***Omisis***

***Omisis***

***Omisis***
***Omisis*** *u*

***Omisis***

Akkuzati talli:

**Omisis, omisis, *omisis* u omisis** f'dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta' Jannar, 2006 u matul is-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
a) nhar il-21 ta' Jannar, 2006, ghal habta ta' l-4:00 ta' wara nofs in nhar waqt li kienu f' San Gwann, ikommettew serq ta' diveri oggetti minn skola, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), kif ukoll bil-mezz, sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;
b) u aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, bil-hsieb li jikkommettu delitt u cioe' serq ikwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (Euro 2329.37) (elf lira Maltin), ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, urew dan il-hsieb b'atti esterni, u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom;
c) u aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin Euro centezmu (Euro 116.47) (hamsin lira Maltin), saret ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

U aktar, **Omisis, Omisis, u *omisis*,** wahedhom gew akkuzati ukoll talli:-
d) nhar l-14 ta' Jannar, 2006, ghal habta tat-7:45 ta' filghaxija, waqt li kienu f'San Giljan, , ikommettew serq ta' diveri oggetti u cioe' computers u affarijiet ohra minn l-iskola Primarja ta' San Giljan, liema serq li huwa

ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-hin, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (Euro 2329.37) (elf lira Maltin), sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;
e) u aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin Euro centezmu (Euro 116.47) (hamsin lira Maltin) saret ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

U aktar, **Omisis** wahdu gie akkuzat talli:-
f) fil-Hamrun, f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn il-21 ta' Jannar, 2006 u ix-xhur ta' qabel din id-data, ikommetta serq ta' oggett u cioe' apparat telefoniku cellulari, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (Euro 2329.37) (elf lira Maltin), sar ghad-detriment ta' Mathew Pace minn San Gwann;

U aktar, **Omisis** wahdu gie akkuzat talli:-
g) f'diversi okkazzjonijiet matul il-perjodu ta' zmien bejn il-21 ta' Jannar, 2006 u ix-xhur ta' qabel din id-data, ikommetta serq ta' diversi oggetti minn diversi hwienet f'Paceville, liema serq sar ghad-detriment ta' persuni b'identita li sa issa ghada mhux maghrufa

***omisis***

U aktar, **Omisis** wahdu gie akkuzat talli:-
i) f'Tas-Sliema, f'xi jum matul il-perjodu ta' zmien bejn il-21 ta' Jannar 2006, u ix-xhur tas-Sajf tas-sena 2005, ikommetta serq ta' basket b'diversi oggetti gewwa fih, liema serq li kien ikkwalifikat bi vjolenza (numerika), sar ghad-detriment ta' persuna b'identita li sa issa ghada mhux maghrufa;

U aktar, **Omisis** wahdu gie akkuzat talli nhar it-22 ta' Jannar, 2006, u matul is-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

j) nhar l-14 ta' Jannar, 2006, ghal habta tat-7:45 ta' filghaxija, waqt li kien flimkien ma persuni ohra f'San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u cioe' computers u affarijiet ohra minn l-iskola Primarja ta' San Giljan, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-hin, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (Euro 2329.37) (elf lira Maltin), sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;
k) u aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin Euro centezmu (Euro 116.47) (hamsin lira Maltin) saret ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;
l) u aktar, f'San Giljan, f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn il-22 ta' Jannar, 2006 u ix-xhur ta' qabel din id-data, waqt li kont fil-bajja ta' San Gorg, ikommetta serq ta' basket b'diversi oggetti go fih, liema serq sar ghad-detriment ta' persuna b'identita li sa issa ghada mhux maghrufa

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 6 ta' Mejju 2008 bhala Qorti Struttorja l-imputati odjerni ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien biex jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat l-artikoli 37, 41(1)(a), 261(1)(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 267, 270, 284, u 325(1)(b), tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-fedina penali ta'l-imputati.

Ikkunsidrat:

Illi kull wiehed mill-imputati ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni ta' l-imputati f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-

koperazzjoni ta’ l-imputati mal-Pulizija u l-fedina penali ta’ l-imputati.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li r-reati mertu tal-proceduri odjerni gew kommessi aktar minn sentejn ilu meta l-imputati kellhom hmistax jew erbatax il-sena; huma fil-fatt ghadhom kollha minorenni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Fuq ammissjoni u wara li rat l-artikoli 37, 41(1)(a), 261(1)(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 267, 270, u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, issib lill-imputat **Omisis** hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-llum.

Fuq ammissjoni u wara li rat l-artikoli 37, 41(1)(a), 261(1)(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 267, 270, 284, u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, issib lill-imputat **Omisis** hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ *probation* ghal perjodu ta’ sentejn mill-llum.

Fuq ammissjoni u wara li rat l-artikoli 37, 41(1)(a), 261(1)(a)(b)(c), 262(1)(b), 263, 267, u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, issib lill-imputat **Omisis** hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-llum.

Fuq ammissjoni u wara li rat l-artikoli 37, 261(1)(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 267, 270, 284, u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, issib lill-imputat **Omisis** hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ *probation* ghal perjodu ta’ sentejn mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car r-responsabbilta taghhom u x’jigri jekk huma jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodi indikati u jekk ma josservawx l-ordnijet lilhom mghotija.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja Omisis u Omisis.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------